# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 152/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Lawrence Darmanin**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Lawrence Darmanin, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 378771M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-7 t'April, 2015 għall-ħabta tal-10:20 hrs fl-inħawi ta' Bidni l/o Żabbar;

1. Ħa jew prova jieħu xi għasafar, matul l-istaġun magħluq għall-insib ta' l-għasafar;

2. Ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kien qiegħed jonsob mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa f'ismu mid-

Direttur jew mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tar-Regolament 12 (1) tal-A.L.79/2006 hekk kif emendat , L.S. 504.71

3. Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja ħa jew prova jieħu xi għasfur protett taħt dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha; Reg 4(1) (a) tal-L.S. 504.71

4. Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħa jew prova jieħu xi għasfur billi uża xi xbieki u dan bi ksur ta' regolament 7 (1) (e) tal-L.S. 504.71;

5. Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi uża jew żamm kwalunkwe apparat li l-użu tiegħu huwa projbit taħt is-subregolament (1) ta' regolament 7 tal-L.S. 504.71 u dan bi ksur ta' regolament 7 (2) tal-L.S. 504.71

6. Ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ha jew prova jieħu xi għasfur billi uża xi lixki ta' għasafar protetti u dan bi ksur ta' regolament 7 (1) (i) tal-L.S. 504.71;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-16 ta' Marzu, 2016 li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti u ikkundannatu għal multa ta' elf u ħames mitt euro (€1,500) kif ukoll issospendietlu l-liċenzja għal sentejn;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Lawrence Darmanin, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Marzu, 2016, li bih talab lil din il-Qorti **tirrevoka** s-sentenza appellata u subordinarjament tirriformaha billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza għar-rigward tas-sejbien tal-ħtija, thassarha kwantu l-piena erogata

u minflok tinfliggi piena inqas severa possibilment fil-minimu maħsub fil-liġi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat

1. Illi l-fatti ta' dan il-każ, brevement rakkontati huma li waqt l-istaġun magħluq għall-insib tal-għasafar tal-għana waqt ronda ġewwa Żabbar (viċinanzi Bidni) PC 506 u PC 804 semgħu l-ħsejjes ta' għasafar tal-għana u hemm sabu mansab armat bix-xbiek u b'diversi għasafar tal-għana;

2. L-aggravji li ressaq l-appellant huma tnejn. L-ewwel wiehed huwa rigward l-fatt li huwa kien imputat li kien qed jonsob fl-inħawi magħrufa bħala 'il-Bidni', fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar mentri dawn l-inħawi huma f'Marsascala u mhux f' Ħaż-Żabbar u li hu kien fl-inħawi magħrufa bħala ċ-Ċirku u mhux fl-inħawi msemmija fil-komparixxi. It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena kominata mill-Ewwel Qorti.

3. Qabel kull konsiderazzjoni oħra, iżda, jehtieg li tkun deciza kwistjoni ta' natura preliminari li din il-Qorti ssollevat *ex officio* fl-udjenza tal-4 ta' Dicembru, 2017 dwar il-possibbli nullita' tas-sentenza appellata. Dan għaliex s-sentenza tal-ewwel Qorti in atti a fol 23 la hi iffirmata mir-Registratur tal-Qorti wisq anqas mill-Magistrat decident. Il-firma tal-Maġistrat

tinsab biss fuq il-komparixxi taht il-kliem "Multa €1500. Sospensjoni licenzja sentejn" li certament ma tissodisfax r-rekwiżiti ravvizati fl-artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fis-sentenza **Pulizija vs Gesmond Sant** Numru 265/2013, deciza fid-19 ta' Frar, 2014, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi sentenza li torbot il-partijiet trid tkun maħruġa mir-Reġistratur tal-Qorti: "*Dan ifisser quindi illi l-appunti illi jikteb il-Maġistrat, jibqgħu biss appunti għall-informazzjoni tiegħu. Is-sentenza illi tagħmel stat fil-konfront tal-partijiet u terzi, hija dik il-kopja uffiċċjali illi toħroġ mingħand id-Deputat Reġistratur, taħt il-firma tiegħu biss. Il-Maġistrat m'għandux għalfejn jiffirma l-kopja uffiċċjali. Dan 'l għaliex l-istat legali jkun intlaħaq mid-Deputat Reġistratur u mhux mill-Maġistrat pero, jekk il-Maġistrat jagħżel li jiffirma ma jagħmel xejn ħażin, basta li fuq il-kopja jkun hemm ukoll il-firma tad-Deputat Reġistratur*".

5. F'dan il-każ, id-Deputat Reġistratur ma ffirma l-ebda kopja u dan ifisser li ma hemmx kopja uffiċċjali tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fis-16 ta' Marzu, 2016, konsegwentement tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett. Din il-Qorti ghalhekk ser tgħaddi biex tiddeċiedi dwar il-mertu, izda qabel dan jokkorri jkun precizat illi wiehed mill-effetti ta' din in-nullita' issa ifisser illi l-aggravji fir-rikors tal-appell jitqiesu bhala sottomissjonijiet (**Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech**). Ghalkemm ma huwiex il-kaz f'dan l-appell, tajjeb li jkun mfakkar ukoll illi id-decizzjoni mill-gdid isir dwar dawk l-imputazzjonijiet fejn instabet htija u mhux fejn kien hemm liberatorja (**Pulizija vs Karmenu Attard App Krim 28.4.1995**) u l-Qorti mhix marbuta mal-piena erogata mill-ewwel Qorti u din tista ukoll tkun anqas jew aktar minn dik erogata (**Il-Pulizija vs Joseph Farrugia 13.1.1995 App Krim**).

6. Fil-mertu din il-Qorti ikkonsidrat li PC 804 L. Formosa u PC506 Derek Bugeja xehdu illi fis-7 ta' Marzu 2015 ghall-habta

tal-10.20am saret spezzjoni fl-inhawi tal-Bidni limiti ta' Zabbar dwar insib illegali waqt stagun maghluq u vicin ta' ghalqa kien innotat mansab armat u mdawwar bl-ghasafar tal-ghana. Hdejn il-mansab, f'kamra ohra, kien hemm persuna li l-Pulizija identifikat bhala Lawrence Darmanin karta tal-identita 37877M li mwissi bid-drittijiet tieghu ddikjara li l-mansab kien tieghu u li kien qieghed jonsob;

7. L-appellant xehed u cahad illi qatt kien qed jonsob fl-inhawi indikati mill-prosekuzzjoni u lanqas biss ghandu raba hemmhekk. Il-raba fejn jonsob hu imsejjah Ic-Cirku u jinsab kilometri boghod mill-Bidni. Huwa wera fejn tinsab ir-raba msejjah Ic-Cirku fuq pjanta ufficcjali minnu esebita. Fl-istess deposizzjoni, l-appellant jghid li dakinhar kienu gew fuqu l-Pulizija u kien qed joqtol xi tigieg izda ma kienx qed jonsob. Ikkonferma li kellu mansab armat izda dak kien insieh barra u kellu ukoll xi ghasafar tal-ghana li "kienu ghall-arja". Jghid li mhux cert jekk il-mansab kienx maqlub jew le. Ir-raguni li kien hemm il-mansab armat hi li dan fih hafna xoghol biex tarmah u ghalhekk ihallih hemm minn stagun ghall-iehor.

8. Minn dan jemergi illi l-appellant kellu l-mansab tieghu armat u mdawwar bl-ghasafar tal-ghana waqt l-istagun mghaluq meta intercettat mill-Pulizija. Il-konsegwenza li nassab ihalli l-mansab tieghu armat wara gheluq l-istagun tal-insib hija wahda naturali li taghti lil dak li jkun x'jifhem li hemm qed isir insib aktar u aktar meta madwar il-mansab ikun hemm ghasafar f'gageg li ukoll jaghtu x'jifhem li jkunu parti mill-istrategija tal-insib. Din il-Qorti ma ghandha ebda raguni ghaliex tiddubita li l-appellant kien verament qieghed jonsob meta kien intercettat mill-Pulizija anke jekk f'dak il-mument kien qed jaghmel xi xoghol f'kamra ohra. Fl-inizzju tad-deposizzjoni tieghu jghid li ma jafx kif il-Pulizija saru jafu bl-isem u n-numru tal-karta' tal-identita' tieghu bhal donnu dan xi misteru izda aktar 'l quddiem jikkonferma li l-persuna li kellmu

il-Pulizija kien proprju hu. Wara kollox, l-appellant stess talab il-konferma tas-sentenza fejn din sabet htija kontra tieghu li llum titqies bhala sottomissjoni kif fuq spjegat;

9. Il-kwistjoni tal-isem tar-raba fejn instab dan il-mansab fejn il-Proskeuzzjoni tghid li hu Il-Bidni u l-appellant jghid li Ic-Cirku ma ghandha l-ebda konsegwenza fuq il-mertu. Ghall-Pulizija il-lok fejn instab il-mansab huwa msejjah il-Bidni li mill-pjanta esebita mill-istess appellant hija area vasta hafna u parti minnu tmiss mac-Cirku ukoll. Dan mhux kaz fejn hemm dubju dwar isem ta' triq fejn sehh xi incident jew il-hin tal-gurnata li jisthoqq allura kunsiderazzjonijiet diversi;

10. Ghal dawn ir-ragunijiet u wara li rat ir-regolament 12(1) tal-AL 79/2006 (kif emendat bil-Ligi Sussidjarja 504.71), subregolament 4(1)(a), 7(1)(e) u (i), 7(2), 8(1) u 8(1)c) tal-Ligi Sussidjarja 504.71, din il-Qorti qed issib lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu;

11. Wara li rat l-aggravju tal-appellant dwar il-piena li issa jitqies bhala sottomissjoni, u hadet in konsiderazzjoni il-piena erogabbli fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat, qed tikkundanna lill-appellant ghal-multa ta' €1000.00 u tordna s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug lill-appellant taht ir-regolamenti LS504.71 (illum 549.42) u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghal perjodu ta' sentejn mill-lum. Stante li l-Prosekuzzjoni ma ezebiet l-ebda *corpus delicti* mhi qed tkun ordnata ebda konfiska li altrimenti hija tassattiva skond il-ligi.